MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1656/2003

**Prinz Distributors Limited**

**Vs**

**Joe Micallef**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm159.60c (mija u disgha u hamsin lira Maltin u sittin centezmu) rappresentanti bilanc minn somma ta' ammont akbar in konnessjoni ma' prodotti debitament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq ordni u nkarigu tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluz tal-Mandat kawtelatorju fl-istess ismijiet li gie pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------